

Brussell, 7 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6878/25

JAI 290
FREMP 55

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Marzu 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali, approvati mill-Kunsill fl-4082 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Marzu 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE:

Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali

Preambolu

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

- a. **Filwaqt li jfakkar** fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TUE"), li skontu l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri fsoċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
- b. **Filwaqt li jfakkar** fil-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-"Karta"), ipproklamata solennement 25 sena ilu f'Diċembru 2000, u fl-obbligu tal-Istati Membri li jiggarrantixxu d-drittijiet u l-libertajiet minquxa fiha meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta;
- c. **Filwaqt li jfakkar** fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 TUE, li skontu l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati;
- d. **Filwaqt li jfakkar** fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TFUE"), li skontu l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-azzjonijiet kollha tagħha, u fl-Artikolu 10 TFUE, li skontu l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha;
- e. **Filwaqt li jenfasizza** li, speċjalment fid-dawl tal-bidliet fis-soċjetà, il-progress soċjali u l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, jeħtieġ li jissaħħu l-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri u d-drittijiet minquxa fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta, u li jiġi żgurat li l-Karta tiġi applikata kif xieraq;

- f. **Filwaqt li jissottolinja** li, billi l-attivitajiet li jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma l-aktar ta' natura mhux kummerċjali, dawn jeħtieġu mekkaniżmi ta' finanzjament, u li l-istabbiliment, l-iżvilupp, iż-żamma u l-monitoraġġ ta' dawn il-mekkaniżmi jibqgħu impenn importanti tal-Unjoni;
- g. **Filwaqt li jenfasizza** li l-iżgurar ta' finanzjament adegwat u trasparenti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (minn hawn 'il quddiem "OSC") u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem – li jibqgħu element essenzjali tas-sistema ta' kontrokontrolli, kif ukoll jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni, inkluż l-istat tad-dritt – huwa kruċjali biex tiġi żviluppata u tinżamm soċjetà li fiha jipprevalu l-valuri tal-Unjoni;
- h. **Filwaqt li jfakkar** fl-impenn tal-Unjoni li tappoġġa lid-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali madwar id-dinja permezz ta' diversi strumenti ta' finanzjament għall-azzjoni esterna, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI – Ewropa Globali), kif ukoll jinnota r-rwol konsiderevoli tal-finanzjament mogħti mill-Unjoni Ewropea fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;
- i. **Filwaqt li jtenni** l-importanza li tiġi ffinalizzata l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'konformità mal-Artikolu 6, il-paragrafu 2 TUE, biex jissaħħu l-koerenza u l-konsistenza fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa;
- j. **Filwaqt li jiddeplora** l-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem li qed iseħħ bla heda u b'mod mifrux madwar id-dinja, bħal dak wara l-invażjoni u l-gwerra sussegwenti ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li t-tielet anniversarju tagħhom iservi ta' tfakkira serja li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali m'għandhomx jitqiesu bħala garantiti, u li l-protezzjoni tagħhom hija responsabbiltà komuni tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-atturi internazzjonali oħra kkonċernati;
- k. **Filwaqt li jilqa' tajjeb** id-dokument tal-Kummissjoni "Rapport Annwali tal-2024 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali" (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport tal-2024 dwar il-Karta"), li jagħti stampa ġenerali tal-iżviluppi fil-qasam tal-finanzjament tad-drittijiet fundamentali;

1. **Filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon** il-kontributi sinifikanti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "FRA") li jinvolvu, fost oħrajn, l-għoti ta' għarfien espert u studji siewja dwar il-Karta, bħar-rapport reċenti "EU Funds: Ensuring Compliance with Fundamental Rights". Eżempji ta' sforzi importanti oħra mill-FRA f'dak il-qasam jinkludu l-promozzjoni ta' għarfien dwar il-Karta permezz ta' għodod ta' taħriġ multilingwi, bħal Charterpedia u moduli ta' taħriġ speċifiċi, kif ukoll l-organizzazzjoni konġunta mal-Kummissjoni taċ-CharterXchange annwali.

Finanzjament għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jgħedded l-impenn tiegħu għall-applikazzjoni kontinwa tal-Karta u, mingħajr ma jantiċipa n-negozjati futuri dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (minn hawn 'il quddiem il-"QFP"), japprova l-konklużjonijiet li ġejjin.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. **Jisħaq** fuq l-importanza kbira u r-rwol ta' tisħiħ reċiproku ta' sorsi differenti ta' finanzjament li jikkontribwixxu għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali; dan jinkludi fondi mogħtija u żborżati mill-Unjoni, l-Istati Membri, donaturi privati u organizzazzjonijiet internazzjonali.
2. **Jirrikonoxxi** r-rwol ċentrali tal-OSĊ u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-applikazzjoni fl-Istati Membri tal-politiki tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, kif ukoll l-importanza tal-finanzjament eżistenti tal-Unjoni għall-attivitajiet tagħhom. Bl-istess mod, il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-programmi attwali tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet rilevanti tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali f'dan il-qasam, kif ukoll ta' programmi li jsaħħu u jtejbu s-sistemi tal-ġustizzja u jikkontribwixxu għat-taħriġ tal-prattikanti fil-qasam tal-ġustizzja.
3. **Jisħaq** fuq l-enfasi msaħħa tal-Kummissjoni fuq it-trawwim tal-valuri tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali li, b'rabta mal-finanzjament u fil-kuntest tal-QFP 2021-2027, jinkludi żieda sostanzjali fil-baġit tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV).

4. **Jirrikonoxxi** li, abbażi tar-Regolament Finanzjarju, meta jimplimentaw il-finanzjament tal-Unjoni u l-baġit tal-UE, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw konformità mal-Karta skont l-Artikolu 51 tagħha, u li jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minnha fl-Artikolu 2 TUE li huma rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit.
5. **Jirrikonoxxi** l-importanza li jiġi żgurat li l-valuri tal-Unjoni u tal-Karta jiġu applikati u rispettati b'mod effettiv fil-prattika, u li jiġu salvagwardati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill itenni li hemm rabta ċara bejn ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-Karta minn naħa, u l-finanzjament tal-Unjoni min-naħa l-oħra.
6. **Jenfasizza** r-rwol kruċjali tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK), li l-Artikolu 9 tiegħu jeħtieġ li fl-implimentazzjoni tal-fondi koperti mir-RDK, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-konformità mal-Karta, b'mod partikolari sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru, ta' orġini razzjali jew etnika, ta' reliġjon jew twemmin, ta' diżabbiltà, ta' età jew ta' orjentazzjoni sesswali, u li jippromwovu l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u jintegraw perspettiva tal-ġeneru fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-programmi. Barra minn hekk, f'konformità mal-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta (il-Karta HEC) stipulata fl-Anness III tar-RDK, l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità mal-Karta fl-istadji kollha tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni sabiex tiġi rimborżata n-nefqa mġarrba minħabba dawn il-fondi.
7. **Jirrikonoxxi** l-importanza u l-kisbiet ta' programmi ta' finanzjament speċifiċi tal-Unjoni, speċjalment il-Programm CERV, li huwa l-akbar fond tal-Unjoni ddedikat għall-promozzjoni tal-valuri fundaturi u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni fl-UE, li b'hekk isaħħaħ Unjoni ta' Ugwaljanza, Ġustizzja, Drittijiet u Valuri. Il-programm kien sors importanti ħafna ta' finanzjament dirett għal firxa wiesgħa ta' atturi, b'mod partikolari l-OSĊ, inkluż organizzazzjonijiet attivi fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali u fil-livell taċ-ċittadini.

8. **Ifaħħar** il-firxa wiesgħa ta' oqsma tematiċi li fihom il-finanzjament tal-Unjoni kkontribwixxa għall-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta. Il-varjetà ta' oqsma koperti tirrifletti l-hteġa kontinwa li d-drittijiet fundamentali jiġu integrati f'setturi politiċi differenti u tissarraf direttament fl-indirizzar ta' ħtiġijiet partikolari. Bħala eżempju, l-appoġġ iddedikat jinkludi t-tqajjim kontinwu ta' kuxjenza dwar id-drittijiet fundamentali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet (il-Programm CERV), l-għoti ta' taħriġ lill-prattikanti fil-qasam tal-ġustizzja u l-iżgurar ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja, inkluż permezz ta' mezzi diġitali (il-Programm dwar il-Ġustizzja), il-ħolqien ta' ambjenti online siguri u sikuri u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni (il-Programm Ewropa Diġitali), u kontribut għal-libertà tal-media, il-libertà artistika u l-pluraliżmu (Ewropa Kreattiva). Il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali huma appoġġati wkoll permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.
9. **Jirrikonoxxi** li, minkejja finanzjament konsiderevoli li sar disponibbli mill-UE, l-Istati Membri u donaturi oħra, il-hteġa għal finanzjament hija akbar mill-finanzjament disponibbli.
10. **Jissottolinja** l-importanza li l-awtoritajiet responsabbli għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi jkollhom l-għarfien espert meħtieġ biex jiżguraw il-konformità mal-Karta. Huwa kruċjali wkoll li l-benefiċjarji tal-fondi jkollhom fehim komprensiv tal-proċeduri u r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati.
11. **Jirrikonoxxi** l-importanza tal-finanzjament tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni prattiċi tal-obbligi tad-drittijiet fundamentali, li permezz tagħhom tista' tiġi żgurata protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-oqsma kollha tal-politika, inkluż fil-livelli reġjonali u lokali, flimkien ma' finanzjament komplementari tal-UE. F'ħafna każijiet, il-baġit tal-Istat huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem l-"NHRIs"), il-korpi tal-ugwaljanza u l-ombudspersons, li r-rwol ewlieni tagħhom fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed. Apparti dan, minbarra l-finanzjament tal-UE, il-finanzjament nazzjonali spiss ikun is-sors ewlieni ta' finanzjament għall-OSĊ.

12. **Jappoġġa** lill-Qorti tal-Awdituri, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ("OLAF") u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") fir-rwoli li jaqdu fil-mandati rispettivi tagħhom li jwettqu awditi u investigazzjonijiet dwar irregolaritajiet jew reati li jolqtu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li jistgħu jinkludu każijiet ta' użu ħażin ta' fondi ddedikati għall-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri:

13. **Jinnominaw u jiffaċilitaw** il-ħidma tal-punti fokali nazzjonali tal-Karta li, skont id-dokument tal-Kummissjoni "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE", għandhom il-kompitu li jottimizzaw il-fluss ta' informazzjoni u l-aħjar prattika dwar il-Karta, u jikkoordinaw l-isforzi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri. Il-Kunsill josserva li l-ħatra u l-attivitajiet tagħhom huma kruċjali għall-applikazzjoni koerenti tal-Karta. Jieħu nota wkoll tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tas-CERV maħtura biex ixerrdu l-informazzjoni u jtejbu l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-Programm CERV, u jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn dawn iż-żewġ rwoli.
14. **Jipprovdu, fil-qafas tal-proċessi baġitarji nazzjonali**, disponibbiltà u aċċess ugwali għall-finanzjament nazzjonali ewlieni u tal-proġetti lill-OSĊ, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lil atturi oħra li jissalvagwardaw u jippromwovu l-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri. Biex tissaħħaħ l-effettività ta' dan il-finanzjament, huwa ta' importanza kbira li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu trasparenti dwar il-finanzjament disponibbli, li s-sejthiet għal finanzjament jiġu rriklamati u jkunu faċilment aċċessibbli, u li l-allokazzjoni tal-finanzjament issir b'mod indipendenti u trasparenti.

15. **Jipprovdu** finanzjament suffiċjenti u stabbli għal dawk l-attivitajiet tal-awtoritajiet governattivi, reġjonali u lokali li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta u jappoġġaw il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali fil-livelli kollha tal-gvern.
16. **Jipprovdu, f'konformità mal-qafas baġitarju nazzjonali**, finanzjament adegwat għall-NHRIs, il-korpi tal-ugwaljanza u l-ombudspersons, li jirrifletti l-mandati tagħhom skont id-dritt tal-UE, kif ukoll l-iskala u l-firxa tal-isfidi attwali fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Billi jipprovdu għarfien espert ta' livell għoli dwar id-drittijiet fundamentali, jissorveljaw l-applikazzjoni tal-Karta, jiżguraw appoġġ għall-vittmi tal-ksur tad-drittijiet fundamentali u għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, jikkooperaw mal-istituzzjonijiet nazzjonali u jqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet fundamentali fis-soċjetà, l-NHRIs, il-korpi tal-ugwaljanza u l-ombudspersons jikkontribwixxu bla waqfien għall-preservazzjoni u d-difiża tal-valuri komuni minqux fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta.
17. **Jipprovdu** finanzjament ġust u trasparenti fil-qasam tal-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali, u jżommu lura milli jnaqqsu l-finanzjament b'mod arbitrarju, li jista' jmur kontra l-obbligu tal-Istati Membri li jirrispettaw il-valuri komuni minqux fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta.

II-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

18. **Jilqa'** l-ħidma kontinwa mwettqa mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-FRA biex tkompli tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta. B'mod partikolari, id-dokument tal-Kummissjoni "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE" jinkludi miżuri ta' appoġġ għall-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali sal-2030. L-istrateġija tikkonferma r-rwol ċentrali tal-finanzjament fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fl-Istati Membri, u tistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw li l-proġetti ffinanzjati mill-UE jikkonformaw mal-Karta. Tiegħu nota wkoll tad-diffikultajiet li ssib quddiemha s-soċjetà ċivili biex taċċessa l-finanzjament, sfida riflessa wkoll fir-Rapport Annwali tal-2022 dwar l-Aplikazzjoni tal-Karta, "Spazju ċiviku b'saħħtu għaż-żamma tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2022".

19. **Jilqa'** l-ħidma tal-Kummissjoni bl-għan li tkompli tappoġġa lill-OSĊ, inkluż permezz tal-
ħolqien imħabbar tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Kummissjoni:

20. **Tkompli tesplora u tiżviluppa** sinerġiji bejn il-finanzjament tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jkopri l-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali. Fil-prattika, dan jista' jinkiseb fost oħrajn permezz ta' riflessjoni kontinwa dwar l-aħjar użu tal-fondi eżistenti, rikonossiment tal-ħtiġijiet partikolari tal-benefiċjarji, żgurar ta' kooperazzjoni mal-livelli reġjonali u lokali u ta' finanzjament disponibbli għalihom, kif ukoll billi jiġi żgurat li jkun hemm sistemi effettivi ta' pubblikazzjoni u rappurtar, u bit-teħid ta' miżuri biex jiġi evitat u mmitigat l-abbuż tal-fondi fil-livell tal-UE. Dawn is-sinerġiji jirriflettu u joperazzjonalizzaw in-natura komplementari jekk xejn unika tal-finanzjament tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u jikkorrispondu għall-komplementarjetà dejjem akbar tal-għanijiet nazzjonali u tal-Unjoni fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.
21. **Tkompli tippromwovi** l-programmi ta' finanzjament dirett tagħha fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u l-aċċessibbiltà tagħhom għall-organizzazzjonijiet rilevanti, sabiex l-applikanti eliġibbli jkunu jistgħu jiksibu informazzjoni f'waqtha dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament.
22. **Tkompli trawwem** l-aċċessibbiltà tal-Programm CERV fil-QFP 2021-2027 għal firxa wiesgħa ta' applikanti potenzjali, inkluż billi tissimplifika l-proċeduri ta' applikazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Filwaqt li żżomm it-trasparenza tal-finanzjament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-piż amministrattiv marbut mal-proċessi ta' applikazzjoni u ġestjoni tal-finanzjament ma jkunx eċċessiv għall-applikanti. Meta tiżviluppa l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-applikanti, il-Kummissjoni mistiedna tkompli tikkoopera mill-qrib mal-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' CERV sabiex tibbenefika mill-għarfien espert tagħhom dwar l-isfidi prattiċi fil-livell tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni għandha tkompli tagħmel il-finanzjament immirat disponibbli sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet u sfidi tas-soċjetà li jkunu urġenti u qed jikbru fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.

23. **Tkompli tkun involuta b'mod attiv** fi djalogu miftuħ u trasparenti mal-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tqis l-għarfien espert tagħhom fil-proċess tat-tfassil ta' politika, **u tkompli tappoġġa** lill-OSĊ fl-eżaminar u l-indirizzar ta' kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali, inkluż fil-livell taċ-ċittadini. Dan l-appoġġ għandu jinkludi enfasi kontinwa tal-Programm CERV fuq l-OSĊ.
24. **Tkompli tipprovdi** opportunitajiet ta' finanzjament iddedikati u diretti għall-OSĊ sabiex jiġu appoġġati proġetti effettivi u sostenibbli fil-programmi ta' finanzjament eżistenti. Dan l-appoġġ għandu jinkludi d-disponibbiltà ta' finanzjament pluriennali, li tippermetti implimentazzjoni aħjar ta' proġetti li min-natura tagħhom stess jeħtieġu ppjanar fit-tul, f'konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u l-akkontabbiltà.
25. **Tkompli tikkoopera** mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni biex titqajjem kuxjenza dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-applikazzjoni u l-promozzjoni tal-Karta, b'taġħlimiet meħuda minn proġetti ffinanzjati mill-Unjoni li rnexxew u li ġew implimentati mill-ibliet u n-networks tagħhom.
26. **Tkompli tiżgura** enfasi qawwija fuq il-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-Artikolu 21 TUE u, fil-QFP attwali, permezz ta' strumenti ta' finanzjament għall-azzjoni esterna, inkluż l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI – Ewropa Globali).
-